GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 4 ta' Lulju 2023 **Ref:** DLAP 140/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u l-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Il-Jum Ewropew tal-Lingwi 2023**

---

Il-Kunsill tal-Ewropa jorganizza l-*Jum Ewropew tal-Lingwi* biex jiċċelebra d-diversità lingwistika. Fl-Ewropa, is-700 miljun Ewropew, tas- 46 stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa huma mħeġġa jsiru midħla ta' iktar lingwi f'ħajjithom. Din is-sena, bħala parti mill-attivitajiet tal-Jum Ewopew tal-Lingwi, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tħeġġeġ lit-tfal u ż-żgħażagħ (età bejn 3 u 16-il sena) biex juru x'kapaċi jagħmlu bil-lingwi barranin.

Il-parteċipanti huma mistiedna jieħdu sehem fil-kompetizzjoni: ***X'inti kapaċi tagħmel b'lingwa barranija?*** billi joħolqu filmat qasir li juri l-ħiliet tagħhom f'lingwa barranija. It-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu joħolqu filmat waħidhom, ma' sħabhom, ħuthom, għalliema jew membri tal-familija tagħhom. It-tul tal-filmat għandu jkun bejn 2 u 5 minuti.

Dawn huma xi eżempji li tista' tinkludi fil-filmat/i. Ninkoraġġixxu lill-parteċipanti jissorprenduna bl-ideat kreattivi tagħhom.

1. Sajjar ikla u spjega r-riċetta b'lingwa barranija

2. Tkellem b'lingwa barranija dwar pajjiż li żort jew tixtieq iżżur

3. Irrekordja u spjega xi ħaġa li tħobb tagħmel id-dar b'lingwa barranija

4. Ikteb u aqra test qasir, bħal poeżija, kanzunetta jew storja b'lingwa barranija

5. Irreċta skeċċ b'lingwa barranija

6. Aqra jew irrakkonta storja b'lingwa barranija

Is-sottomissjoniet se jiġu ewalvati għall-użu tal-lingwa barranija, għall-kwalità tal-filmat u għall-kreattività.

Iktar informazzjoni u ideat jistgħu jinkisbu mis-sit tal-Jum Ewropew tal-Lingwi:https://edl.ecml.at/

Is-sottomissjoniet għandhom jintbagħtu sat-**Tnejn 31 ta' Ottubru, 2023**.

Il-ġenituri/ il-kustodji għandhom jimlew il-formola tan-nominazzjoni biex it-tfal tagħhom jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni. Għandha timtela formola għal kull tifel/tifla li jipparteċipa/tipparteċipa f'din il-kompetizzjoni li tinstab f'din il-ħolqa:

https://forms.office.com/e/fYRL0hhysR

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

Il-filmat jista' jintbagħat b'ittra elettronika fuq dan l-indirizz languagepolicy.nla@ilearn.edu.mt u dawn id-dettalji għandhom jitniżżlu fil-messaġġ: L-Isem u l-kunjom tat-tifel/tifla u l-lingwa li tintuża fil-filmat. Il-parteċipanti għandhom jinkludu l-isem tat-tifel jew tifla fil-messaġġ.

Għal iktar tagħrif, jekk jogħġbok ċempel 25983328 jew ibgħat ittra elettronika lil languagepolicy.nla@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**